Minuti tal-Laqgħa Nru. 40 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 5 ta' Awwissu 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana |
| | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa<br>Dr. Frank Psaila LL.D |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Noel Cini |
| Designate Executive Secretary | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
5. Kumitat Amministrattiv
6. Affarijiet Oħra
7. Aġġornament

## 1.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku qal li kif jidher fil-minuti jidher li Dr. Chris Said qiegħed jimponi fuqi (Is-Sindku), għalhekk qed jitlob li tiġi emendata u filfatt il-Kunsill approva. Huwa ċaħad bil-qawwa kollha u dan jista jikkonfermah is-Sur. Michael Portelli. Huwa qal li s-Sur. Michael Portelli kien wera x-xewqa li jiġi Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta Ħal Luqa peress li kien hemm vakanza fil-Kunsill Lokali, u mar ikellem lil Dr. Said peress li fir-riforma l-għażla tas-Segretarju taqa taħt id-deskrizzjoni tad- Dipartiment tal-Gvern Lokali. Filfatt id-Direttur tal-Gvern Lokali kien ċempel lis-Sindku u qallu li jekk għandkom pjaċir bih ipproponuh u approvawh fil-Kunsill kif filfatt sar.

1.2 Il-Kunsillier Camilleri ġibed l-attenzjoni li kull min ried seta ġie l-Kunsill kif għamel hu u kien jara l-lista tal-ismijiet.

1.3 Il-Kunsillier Piscopo qal li fuq id-diskors li kien sar fil-laqgħa l-oħra u issemma Dr. Chris Said qal li jidher li ma kienx hemm għażla u għalhekk dakinhar kien ivvota favur. Il-Kunsillier qal li dan hu nuqqas lejn il-Kunsilliera u li qatt ma ra l-ismijiet fil-lista.

1.4 Il-Kunsillier Victor Caruana qal li waqt li kien qed ikellem lil Dr.Said dan infurmah li mhux hu kien bagħtu (Dr. Said), iżda li dan kien intalab mill-Kunsill Lokali ta Ħal Luqa. Il-Kunsillier Caruana qal li hu la kien jaf u anqas qatt ma kien ra l-lista ta l-ismijiet li kienu bagħtu d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

1.5 Wara li saret diskussjoni dwar din il-materja is-Sindku qal li peress li qed jidher min qed joġġezzjona dwar il-mod tal-ħatra ta Segretarju qiegħed għal darba oħra jressaq din il-mozzjoni biex is-Sur. Michael Portelli jingħażel bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta Ħal Luqa. Il-Viċi Sindku ssekondah u għalhekk ittieħed il-vot fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, Camilleri u Massa ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillieri Caruana u Psaila ivvutaw kontra filwaqt li l-Kunsillier Piscopo astjena. Għalhekk il-mozzjoni kif preżentata mis-Sindku u Viċi Sindku għaddiet, b' erbgħa voti favur, tnejn kontra u astenzjoni waħda.

1.6 Il-Kunsillier Piscopo qal li reġa tkellem mal-Kap tal-Iskola dwar il-possibilta ta tnaqqis fil-prezzijiet minħabba l-użu tal-iskola għal Skola Sajf, biss minħabba l-ispejjeż involuti ma sar ebda tnaqqis fil-prezzijiet li kien mitluba. Dwar dan huwa anki tkellem mal-Prinċipal tal-Kulleġġ.

## 2.0 KORRISPONDENZA

2.1 Il-Kunsill irċieva Memo 45/2010 dwar il-Public Private Partnership. IS-Sindku qal li fil-lista tat-toroq li dehru fil-ġurnali lokali, kienu qegħdin jidhru tmintax il-triq li se jsiru bis-sistema tal-Public Private Partnership meta filfatt huma biss tmienja li l-Kunsill daħal għal din is-sistema. Huwa saħaq li għandu jinforma b' dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa jekk Triq Patri Indri Schembri hix inkluża fil-lista tat-toroq li se jsiru taħt l-iskema tal-PPP. Is-Sindku wieġeb li din it-triq peress li taqa taħt ir-

responsabilta tal-Gvern Ċentrali u x-xogħol tagħha kellu jintemm sas-sena 2008 u sal-lum baqa ma sar xejn. Huwa informa lil Kunsill illi għal darba oħra reġa għamel pressjoni mal-Malta Transport sabiex dawk l-erba toroq li kienu mwiegħda issiru mill-aktar fiss possibli, minħabba l-istat degredanti li jinsabu fih. Filfatt huma wiegħbuh li żewġ toroq huma ppjanati li jsiru għas-sena d-dieħla li huma s-segwenti Triq Pietru Saliba u Patri Indi Schembri.

2.3 Il-Kunsill irċieva komunikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-program tal-Youth in Action fejn kull Kunsill kien qed jiġi mistieden sabiex jipproponi żewġ żgħażagħ mil-lokalita sabiex jieħdu sehem f' dan il-programm.

2.4 Il-Kunsill kellu talba mir-residenti li joqogħdu fi Triq ir-Rixtellu sabiex titwaħħal bozza f din it-Triq. Il-Kunsill qabel li għandha titwaħħal kif mitluba mir-residenti.

2.5 Il-Kunsillier Piscopo qal li kien hemm kaxxa tal-Enemalta viċin il-Kunsill, li minnha kienu ħerġin xi wires u talab sabiex il-Kunsill jieħu l-passi meħtieġa sabiex dawn il-wires jitneħħew u dan minħabba li dawn jistgħu jkunu ta periklu.

2.6 Kien hemm stedina mill-Ministeru responsabbli mill-Anzjani sabiex jiġi nominat Anzjan għal premju Anzjan tas-Sena 2010. In-nominazzjonijiet jgħalqu fit 13 ta' Settembru f' nofsinhar.

2.7 Saret applikazzjoni għal Skema dwar Inizjattiva t' Attivitajiet 2011. Is-Sindku ippropona li t-tema għas sena d-dieħla tkun "Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha". Is-Sindku kompla jgħid li l-attivita se tkun mifruxa fuq tlett ijiem bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2011, fejn fit 13 ikun hemm il-ftuħ ta eżibizzjoni dwar talent Luqi, fl 14 titella serata li turi xi avvenimenti u personaġġi importanti marbuta ma Ħal Luqa. IS-Sindku qal li fil 15 ta Mejju se jkun hemm quddiesa ġewwa iż-żona ta Ħal Farruġ u dakinhar stess filgħaxija se jkun hemm serata ta talenti mtella mill-Kumitat Amministrattiv.

2.8 Inġiebu xi kwotazzjonijiet biex jinbidlu is-sistemi tal-computers li hemm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, u dan peress li dawn issa kienu qdiemu u jeħtieġ li jinbidlu sabiex l-operat tal-Kunsill ikun aktar effiċjenti. Ġie suġġerit ukoll anki li jkun hemm network bejn il-computers sabiex jitqassam ix-xogħol.

2.9 Is-Sindku ippropona li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur. Noel Cini għandu jingħata l-performance bonus full għaż żmien li dan għamel jaħdem mal-Kunsill. Il-Kunsill filwaqt li rringrazzja lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv, qabel unanimament li dan għandu jingħata l-performance bonus full għax xogħol li għamel fil-Kunsill.

2.10 Il-Kunsill irċieva komunikat fejn fit-3 ta' Settembru, l-Onor. Dr. Chris Said kien ser jiltaqa mal-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta Ħal Farruġ.

2.11 Waqt il-laqgħa tressqet lista ta xi xogħolijiet li l-Kumitat Amministrattiv ta Ħal Farruġ qed jipproponi li jsiru. Fost dawn hemm sleeping police fis-service road ta Qormi Road u oħra fi Triq in-Noqqor biswit blokk E u F; tlett mirja f xi toroq, Ħal Farruġ; u railing tat-turġien fi Triq in-Noqqor; isir tindif tal-culverts u tindif ieħor ġenerali. Dwar is-sleeping policeman is-Sindku issuġġerixxa li tinkiteb ittra lil-Transport Malta. Rigward it-tindif tal-culverts is-Sindku issuġġerixxa li tinġieb stima mill-kuntrattur tal-Kunsill, Polidano Brothers.

2.12 Tressqet ukoll email li ntbagħtet minn residenti li joqogħdu f' Razzett f' Ħal Farruġ biex possibilment isir tindif u titwaħħal bozza hdejn ir-residenza tagħhom. Ic-Chairperson is-Sur. Saliba qal li kellu jmur fuq il-post u jara x' jista' jsir.

**3.0 ĦLASIJIET**

3.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni, liema skeda ġiet sekondata mill-Viċi Sindku.

3.2 Il-Kunsillier Joseph Piscopo saqsa fuq il-pagament ta Claudio Tonna jekk dan kienx parti mill-flus li tħallsu għar recording. Is-Sindku wieġeb li dan kien ħlas għas servizz tiegħu biss.

3.3 Il-lista tal-pagamenti kien hemm qbil fuqha mis-Sindku, Viċi Sindku u kunsilliera Joseph Camilleri, Lucia Massa filwaqt li l-Kunsillieri Caruana, Piscopo u Psaila astjenew.

**4.0 XOGĦOLIJIET**

4.1 Il-Kunsillier Joseph Piscopo tkellem dwar ix-xogħol li hu ppjanat li jsir fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Hu ssuġġerixxa li l-livell ta din it-triq għandu jitbaxxa bi ftit pulzieri peress li qed ikun hemm l-għargħar fi Triq Ġanni Vassallo. Huwa ssuġġerixxa li qabel ma jinbeda x-xogħol issir laqgħa ma uffiċċjali ta Transport Malta.

4.2 Kien hemm suġġeriment mill-Kunsillier Victor Caruana biex issir tunnel bejn Gudja Road u Triq l-Avjazzjoni peress li mit-triq għaddej numru kbir ta karozzi u huwa ta periklu għar-residenti.

4.3 L-istess Kunsillier issuġġerixxa biex tiġi mmexxija r-roundabout li hemm quddiem id-Dinitrol lejn in-naħa ta Santa Luċija biex jitnaqqas it-traffiku lejn Ħal Luqa.

4.4 Il-Kunsillier Joseph Piscopo ta l-parir biex ikun hemm pulizija quddiem il-Mużew tas-Subien waqt il-ħin li jkunu ħerġin it-tfal mill-Mużew. Il-Kunsillier issuġġerixxa sabiex issir tow zone f' parti minn Triq il-Ġdida. Dwar dan is-Sindku wieġeb li għandu jinforma l-Ispettur tal-Għassa.

4.5 Dwar il-proġett ta Triq il-Kunsill tal-Ewropa is-Sindku wieġeb illi ħafna min dawn il-proposti validi diġa ressaqhom quddiem l-Awtorita fil-laqgħa li kient saret tlett snin ilu li kienet inżammet fil-Marsa Sports Ground, iżda min naħa l-oħra ma jara xejn ħażin jekk nerġgħu nitkellmu ma Transport Malta dwar dan il-proġett tal-Gvern Ċentrali.

.

**5.0 AFFARIJIET OĦRA**

5.1 Waqt il-laqgħa tqajjem il-punt tax-xiri tal-vann fejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien talab lil Kunsill sabiex dan joħroġ sejħa pubblika għax xiri tal-vann u dan minħabba li l-proċedura skont il-liġi ma kinitx osservata. Wara li saru xi osservazzjonijiet mill-Kunsillier Caruana dwar il-mod ta kif intgħażel u kien ser jinxtara l-vann, is-Sindku qal li dan huwa kollu ħela ta ħin u tfixxkil u tah il-parir li jkun aħjar ikun ta servizz milli joqgħod moħħu kif se jaqbad man-nies jekk irrid lil ħaddieħor iħallih bi kwietu.

**6.0 AĠĠORNAMENT**

6.1 Minħabba li l-items fuq l-aġenda kienu eżawriti l-laqgħa ġiet fi tmiemha. Is-Sindku nforma lil Kunsill li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi komunikata lilhom aktar il-quddiem.

Konfermati llum ______________________ 2010.

| | |
| --- | --- |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |